

# MEMBRI TA' L-IMGHODDI

## SALVINO LOMBARDI, IT-TIFEL TA' IBEN EMILIO

# EMILIO LOMBARDI

## (1881–1956)

# ĦAJTU U HIDMIETU

Għalkemm imwieled f'Lixandra, ħadd ma jista' jiċħad li Emilio Lombardi ma kienx Sliemiż per eċċellenza. Huwa kien imwieled minn omm Sliemiża li wara li romlot iżżewġet raġel Taljan u billi dan kien ibaħħar, hija marret l-Eġittu, fejn imbagħad twieled Emilio, fl-1881.

Meta ġiet lura Malta, billi r-raġel tagħha kien siefer u ma deherx aktar, minħabba problemi finanzjarji, hija daħħlet lil binha Emilio fl-Istitut ta' San Ġużepp, il-Ħamrun, meta kellu biss għaxar snin. Fl-istitut ta' San Ġużepp, l-ewwel kellu s-sengħa ta' ħajjat, imma mbagħad beda jinteressa ruħu fis-sengħa ta' stampatur.

Meta kellu biss sittax-il sena, huwa ħareġ mill-Istitut u mpjega ruħu ma' wieħed stampatur jismu Karmnu Mifsud li kien armat fi Triq Sant'Ursla, il-Belt Valletta. Dan kien fl-1897. Ma damx ma tgħallem is-sengħa u beda jinteressa ruħu fil-kitba tal-Malti, tant li sa l-1900, meta kellu biss dsatax-il sena huwa stampa l-ewwel ktieb tiegħu, li kien jismu *'L-Iben Sventurat'* u stampah fl-istamperija 'Mifsud' fejn kien jaħdem. Fl-1901 huwa stampa t-tieni ktieb tiegħu, *'Beatrice'* fl-istess stamperija.(1)

Fil-21 ta' Ottubru, 1901 huwa żżewweġ lil Fortunata Galea, mill-Belt, u mar joqgħod Tas-Sliema fi Triq San Trofimu, Nru. 92, ftit 'l isfel mill-Każin tal-Banda Sliema u mill-Knisja tagħna.

Huwa kien tant miġbud lejn is-sengħa tiegħu li sa l-1902 kien ġa kellu l-istamperija tiegħu, li kienet iġġib l-isem ta' 'Tipografia Nazionale' u li kienet tinsab fi Triq l-Iljun, il-Furjana. Hawn huwa stampa tliet kotba: *'Tgħallaq u baqa' ħaj", 'Imħabba Misħuta'* u *'Teodolika'* li kollha ġew stampati fl-1902.

Imma l-imħabba lejn Tas-Sliema ġiegħlitu jsib daqsxejn ta' kamra fi Strada Marina Nru. 17, illum Triq il-Madonna tas-Sacro Cuor, lejn ix-Xatt ta' Tas-Sliema, u hemm rama l-istamperija tiegħu, li bil-mod il-mod taha l-isem ta' 'Stamperija Lombardi'.

Hawn huwa stampa diversi kotba, fosthom *'Bint il-Bojja'* (1904), *'Il-Vittmi ta' l-Interess'* (1908), *'Il-Vendetta ta' l-Ilsir'* (1908), *'L-Istorja Sagra'* (1909–1911) jew il-Bibbja taħt forma ta' rakkont miktub f'erba' volumi ħoxnin u *'Bertu'* (1911) jew *'Il-Misteri tal-Palazz ta' l-Inkwiżitur tal-Birgu'*.



Emilio Lombardi.

Għalkemm huwa kien irnexxielu jmidd riġlejh f'Tas-Sliema, madankollu ma kienx kuntent li jibqa' fit-trufijiet tagħha, iżda ried jidħol fil-qalba, qrib il-Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor, u fl-1912 huwa stabbilixxa l-istamperija Lombardi fi Triq San Trofimu, kantuniera ma' Triq Santa Marija, fejn għadha tinsab sal-lum. Minn hawn ħarġu l-kumplament tal-kotba tiegħu li jlaħħqu 'l fuq min mitt ktieb, fosthom *'Is-Sigriet tal-Qrar', 'L-Iltiema', 'L-Agħma ta' Lourdes'* li nqraw fuq il-mezzi tax-xandir ta' dak iż-żmien.

Emilio dam jikteb sa l-1950 u l-aħħar ktieb tiegħu kien jismu *'Marcellino'* jew *'Il-Miraklu ta' Fatima'* li huwa qatt ma rnexxielu jistampa.

Għad hawn diversi nies fil-Parroċċa tagħna li għadhom jiftakru lil Emilio jew Milju, kif kienu jsibuh ħbiebu. Huwa kien bniedem tal-ġabra ddedikat għall-familja u l-parroċċa. Kellu mħabba kbira lejn il-parroċċa tagħna u lill-Patrijiet Franġiskani Minuri kien iżommhom fuq l-idejn, jiġifieri kien jipprova jaqdihom fix-xogħol ta' l-istampa li kien ikollhom bżonn, mill-aħjar li jista' u ma kinetx tkun l-ewwel darba li ħadmilhom xi xogħol b'xejn jew iżommilhom ftit flus. Meta kiber u kabbar 'il uliedu,

---

1 Dan il-ktieb, flimkien mal-kotba *'Ġuditta'* u *'Ġorġ it-Tmunier'* issa reġgħu ġew stampati u addattati għal żminijietna u jinsabu għall-bejgħ mingħand P.E.G. Ltd u mingħand il-librara ewlenin. Iktar 'il quddiem se joħroġ ukoll *'Luqa Briffa'*.

l-uniku żfog tiegħu kien li jmur sal-każin tal-Banda jilgħab xi logħob 'Tresett'. Huwa kellu disgħat ulied, sebgħa subien u żewġt ibniet. Dawn kien jisimhom Ġużeppi (miet żgħir), Tonina, Mary, Ġużeppi, Carmelo, Rafel (miet żgħir), Pawlu, Vincent, John (miet żgħir). Għad hawn min għadu jiftakar lil xi wħud minn uliedu, li kienu midħla tal-Każin tal-Banda Sliema, speċjalment lil Ġużeppi u lil Vincent. Vincent kien membru tal-Każin għal żmien twil u Ġużeppi kien ukoll għal xi żmien, Segretarju tal-Każin.

Emilio kien jagħmel minn kollox biex jgħin il-Parroċċa b'kull mod li jista', minbarra li kien jgħin ħafna lill-Patrijiet Franġiskani fl-istampar tal-Programmi tal-festa tas-Sacro Cuor, u pubblikazzjonijiet oħra, bħal ma kien l-*"iSchematismus"*, ktieb li kien jiġbor fih l-ismijiet tal-Patrijiet Franġiskani li kien hawn fl-arċidjoċesi ta' Malta. Huwa kien jieħu sehem attiv fil-Parroċċa billi kien 'Fratell' fil-Konfraternità tas-Sagrament u fit-Terz'Ordni Franġiskan. Kien saħansitra Ministru Parrokjali tat-Terzjarji Franġiskani.

Barra li kien iħobb ħafna l-Parroċċa u lil Tas-Sliema, nistgħu ngħidu wkoll li Emilio kellu sens ta' Patrijottiżmu kbir lejn Malta tagħna. Dan narawh mhux biss mill-imħabba li huwa kellu lejn il-lingwa Maltija, li minħabba fiha ta lil Maltin kotba bil-Malti x'jaqraw li kien fihom ħafna tagħlim morali u soċjali, imma wkoll mill-fatt illi fil-kotba tiegħu insibu element patrijottiku kbir lejn pajjiżna, fil-persunaġġi li huwa jagħżel fil-kotba tiegħu. Dan is-sens ta' patrijottiżmu f'Emilio nsibuh f'xi kotba tiegħu espress minnu stess, bħal per eżempju f'dedika li huwa għamel f'wieħed mill-kotba tiegħu, li kienet tgħid hekk:

"LILEK, O QARREJ GĦAŻIŻ
LI QIEGĦED TAQRA
DIN IL-ĠRAJJA TA' PAJJIŻNA,
FEJN FIHA TARA KEMM ĦADMU
L-ANTENATI TAGĦNA
GĦAR-RELIĠJON, IL-PATRIJA U L-LIBERTÀ
SABIEX DEJJEM TINĠIBED LEJN DAWN
IL-GŻEJJER FJUR TAD-DINJA
U SABIEX UKOLL BĦALHOM
MA TINSA QATT LI INTI MALTI
BIN DAWK L-ANTENATI EROJ,
DAN ID-DGĦAJJEF XOGĦOL LI ĦAREĠ
MINN TAĦT IL-PINNA TIEGĦI
NOFFRI."

Dan il-kiem ħiereġ mill-pinna ta' Emilio Lomardi juri mhux biss is-sens ta' patrijottiżmu tiegħu lejn pajjiżu, iżda wkoll is-sens reliġjuż kbir li huwa kellu. Jalla l-membri tal-Kazin tal-Banda Sliema jkunu ħabrieka u impenjattivi, bħal ma kien il-mibki imma mhux minsi, Emilio Lombardi. Bix-xieraq li triq li toħroġ fi Triq Manwel Dimech (qabel "Bugeja Buildings") issemmiet għalih.

STERLING

J. PORTELLI STERLING FOODS LTD.

IMPORTERS & DISTRIBUTORS OF
FROZEN MEAT, FISH AND VEGETABLES

New Street off Tal-Ħandaq Road, Qormi
Tel: (+356) 444171 Fax: (+356) 440003 Mobile: 0947 5352